MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2007

Numru 212/2007

**Il-Pulizija**
**(Sp. Carlo Ellul)**

**vs**

**Hasan Hatar ta’ 28 sena ta‘ nazzjonalita Chad imwieled fl-1/01/1979,**
**detentur tal-FID Card Nru. 0082556 u ghandu Tag Nru. 05CC-013, prezentement mahrub mill-post ta‘ detenzjoni ta‘ Hal Safi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Hasan Hatar li gie akkuzat kif gej:

(1) Talli fl-14 ta‘ Marzu, 2007 ghall-habta tal-4.45 a.m. gewwa San Giljan, ikkommetta serq ta‘ handbag liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-hin u bil-valur, u li dan sar ghad-detriment tas-Sinjura Tracie Graham u dan bi ksur ta‘ Art 261(a)(f), art 262 (1)(a), Art 267, Art 270, u art 275 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta,
(2) U aktar talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi, f’Malta xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom,
(3) U aktar talli fl-istess perjodu bla ordni skond il-ligi ta‘ awtorita‘ kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta‘ taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna cioe lis-Sinjura Tracie Graham, tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata, u dan bi ksur tal-artiklu 86 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
(4) U aktar talli fl-14 ta‘ Marzu, 2007 ghall-habta tal-5 a.m. hdejn l-Ghassa ta‘ San Giljan, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta‘ wiehed inkarigat skond il-ligi minn serivzz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta‘ dak is-servizz u dan bi ksur tal-artikolu 95 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat il-kunsens ta‘ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji Dok HH2.

Rat il-kunsens tal-imputat ghal proceduri sommarji a fol 6.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kienx hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Ikkonsidrat

Illi l-provi prodotti f’din il-kawza huma sostanzjati biss minn rapporti ta‘ ufficjali tal-pulizija. Fil-fatt il-parti leza qatt ma ttellghet tixhed ghax ma ngabitx mal-prezentata,

lanqas ma tressqet wara ghax apparentement telqet minn dawn il-gzejjer. Huwa vera li ghand l-akkuzat instab handbag li skond Dok NH huwa presumibilment ta‘ Tracie Graham pero‘ dan xorta mhux l-ahjar prova mehtiega biex tissodisfa l-onu kombenti fuq l-Prosekuzzjoni fil-kamp kriminali. Wiehed irid izomm anke f’mohhu illi l-akkuzat dejjem innega l-akkuzi anke fi stadju ta‘ interrogazzjoni. Lanqas ma hija prova sufficjenti l-fatt li somma flus instabet f’postijiet ferm dubjuzi fuq il-persuna ta‘ l-akkuzat. Fil-fatt dawn il-flus m’humiex mertu ta‘ ebda akkuza migjuba kontra tieghu.
Ghalhekk din il-Qorti qeghda tillibera lil Hasan Hatar mill-ewwel tliet akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Lanqas ma hu hati tar-raba‘ akkuza l-akkuzat in kwantu PC 451 Aaron Bugeja xehed dwar rezistenza min-naha ta‘ l-akkuzat mhux dwar ingurji, theddid jew offizi diretti lejn xi ufficjal tal-Pulizija. Ghaldaqstant qeghda tillibera lil Hasan Hatar anke minn din l-akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------